TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 89/17-F

**Sharlon Mercieca**

**vs**

**Scan Computers Ltd**

Illum 23 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* u ma kienx qed jaħdem, u ħadu għand is-soċjeta' ntimata, fejn dawn qalulu li l-*mobile phone* kien ixxarrab.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet u ppreżentat xi ritratti wkoll, fejn il-*mobile phone* deher li b'xi mod jew ieħor ixxarrab u ġie ndikat fejn saritlu l-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u kif ukoll ra d-dokumenti ppreżentati, jinnota li l-*mobile phone* verament ġratlu l-ħsara tort ta' xi ingress ta' xi ilma bil-konsegwenza li l-*mobile phone* ma baqax jaħdem tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888